MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 28/2009

**Rita Sultana**

**Vs**

**L-avukat Dottor Monica Vella**

F'din il-kawza[1] l-attrici qeghda titlob:-

1. Lill-konvenuta sabiex taghtiha kopji *"legali, formali u awtentikati tat-testmenti tal-genituri taghha"*. Hawnhekk qeghda tirreferi ghat-testmenti li ghamlet ommha, Caterina Vella, fis-26 ta' Settembru 1997 u 16 ta' Dicembru 1997 fiz-zmien li kienet tipprattika bhala nutar. Jirrizulta li Caterina Vella mietet fis-27 ta' Marzu 2005.
2. Fin-nuqqas jigi dikjarat li t-testmenti huma l-ahhar volonta' testamentarja ta' ommha Caterina Vella.

[1] Rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Mejju 2009.

3. Likwidazzjoni u hlas ta' danni, ghaliex ma setatx titlob l-immissjoni fil-pussess, likwidazzjoni u qsim ta' wirt minn ma' hutha, u lanqas taghmel il *causa mortis*.

Fis-26 ta' Mejju 2009 ir-rikors guramentat gie notifikat lill-konvenuta. Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2009 (fol. 38) il-konvenuta ddikjarat li kienet ghadha ma pprezentatx risposta guramentata.

Fil-15 ta' Gunju 2009 il-konvenuta pprezentat nota (fol. 49) fejn iddikjarat li kienet ippreparat ir-risposta guramentata (ara l-abbozz a fol. 50). Kompliet taghti spjegazzjoni ta' x'kien gara fir-rigward tat-testmenti fuq imsemmija, u kif granet qabel *"....waqt li kienet qed tnehhi files u dokumenti mill-kaxxi sabiex tpoggihom f'posthom, gew f'idejja d-dokumenti mertu tal-kawza odjerna, kopja taghhom hawn annessa u markata MV2 u MV3."*. Fil-fatt iddikjarat li *"....ser tiehu passi immedjati sabiex dawn l-atti jigu depozitati fir-registru tal-Qorti ta Revizjoni ta' l-Att Notarili b'talba li dawn jinzammu fl-Arkivju Notarili."*. B'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Ottubru 2009, gie dikjarat li n-nutar Paul George Pisani kien gie nominat mill-Qorti ta' Revizjoni Nutarili, *"bhala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti li kienu gew ppubblikati minn Dottor Monica Vella, LL.D., waqt li din tal-ahhar kienet ghadha tezercita l-professjoni taghha bhala Nutar Pubbliku."*.

Ir-risposta guramentata baqghet ma gietx prezentata. Madankollu, il-konvenuta xorta tat ix-xhieda taghha (seduta tas-27 ta' Novembru 2009). F'dan ir-rigward ma kien hemm l-ebda oggezzjoni min-naha tal-attrici.

Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2009, meta xehedet il-konvenuta, id-difensur taghha ddikjara li riedet tipprezenta *"risposta guramentata ulterjuri li t-talba attrici hi preskritta skond l-Artiklu 2153 tal-Kodici Civili u f'dan ir-rigward ghamel riferenza ghat-tieni paragrafu tar-risposta tal-konvenuta"*. Id-difensur tal-attrici wiegbet li gialadarba l-konvenuta kienet kontumaci, m'ghandix jedd tipprezenta risposta ulterjuri sabiex tecepixxi l-preskrizzjoni estintiva

skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, gialadarba baqghet kontumaci.

Jibda biex jinghad li l-ewwel nuqqas tal-konvenuta kien li sas-seduta tad-9 ta’ Gunju 2009, kienet ghadha ma pprezentatx ir-risposta guramentata. Ghalkemm hu minnu li dakinhar kienu ghadhom jiddekorru l-ghoxrin (20) jum kontemplati mil-ligi peress li giet notifikata fis-26 ta’ Mejju 2009, ir-risposta guramentata kellha tigi prezentata qabel tissejjah il-kawza jew waqt is-seduta (ara Artikolu 158(13) tal-Kap. 12).

L-abbozz tar-risposta guramentata annessa man-nota ta’ tal-15 ta’ Gunju 2009 (fol. 50) ma tistax tigi kunsidrata bhala r-risposta guramentata li kull konvenut ghandu jipprezenta bi twegiba ghar-rikors guramentat. Risposta li ghandha tkun konfermata bil-gurament (Artikolu 158 tal-Kap. 12). Fil-kaz odjern hu evidenti li d-dokument ma giex konfermat bil-gurament.

Inoltre, min-nota li pprezentat fil-15 ta’ Gunju 2009, hu evidenti li l-konvenuta ghazlet deliberatament li ma tipprezentax risposta guramentata u tillimita ruhha li tipprezenta nota spjegattiva ta’ x’kien gara wara s-seduta tad-9 ta’ Gunju 2009. Kieku ma kienx hekk, fil-15 ta’ Gunju 2009 fir-Registru kienet tipprezenta r-risposta guramenta u mhux sempliciment tannetti abbozz taghha bhala dokument man-nota tal-15 ta’ Gunju 2009. Jidher li fil-hsieb tal-konvenuta l-kwistjoni kienet giet rizolta meta sabet it-testmenti originali, u waslet ghal konkluzjoni li ma kienx hemm bzonn li tipprezenta r-risposta guramentata. Hu evidenti li din kienet ghazla libera tal-konvenuta. Gialadarba ghamlet dik l-ghazla, illum ma tistax tmur lura u tippretendi li dak li ma ghamlitx fiz-zmien li kellu jsir, taghmlu issa li nghalaq il-gbir tal-provi. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li fil-fehma tal-qorti ma nghatat l-ebda raguni valida ghalfejn il-konvenuta ma pprezentatx ir-risposta guramentata meta skond il-ligi, kellha tigi prezentata.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad it-talba tal-konvenuta sabiex tipprezenta risposta guramentata u fiha tressaq id-difiza li l-azzjoni tal-attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Spejjez a karigu tal-konvenuta.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------